(3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

([1]) ĠU C 86, 23.03.2013.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-2 ta' Settembru 2013 — Generali-Providencia Biztosító Zrt. vs Közbeszerzési Hatóság — Közbeszerzési Döntőbizottság

**(Kawża C-470/13)**

(2013/C 367/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Generali-Providencia Biztosító Zrt.

*Konvenut:* Közbeszerzési Hatóság — Közbeszerzési Döntőbizottság

### Domandi preliminari

(1) L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni f'sejha għal offerti pubblika għal motivi differenti minn dawk elenkati fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], b'mod partikolari għal motivi li jistgħu jkunu ġġustifikati minn raġunijiet relatati mal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi, mal-interessi leġittimi tal-awtorità kontraenti, mal-lealtà tal-kompetizzjoni kif ukoll maż-żamma ta' kompetizzjoni leali? Fl-affermattiv, l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni f'sejha għal offerti pubblika hija konformi mat-tieni premessa tal-espożizzjoni tal-motivi ta' din id-direttiva kif ukoll mal-Artikoli 18 TFUE, 34 TFUE, 49 TFUE u 56 TFUE, sa fejn dan l-operatur wettaq ksur relatat mal-attività kummerċjali jew professjonali tiegħu kkonstatat permezz ta' deċiżjoni ta' qorti li għandha awtorità ta' *res judicata*, mogħtija matul il-ħames snin preċedenti?

(2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fin-negattiv għad-domandi 1, id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2004/18, b'mod partikolari dawk tal-punti (ċ) u (d) għandhom jiġu interpretati fis-sens li huwa possibbli li jiġi eskluż mill-parteċipazzjoni f'sejha għal offerti pubblika kull operatur ekonomiku li jkun wettaq ksur ikkonstatat minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja f'proċeduri ta' investigazzjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni mibdija minħabba l-attività ekonomika jew professjonali tiegħu u li jkunu ġew imposti fuqu s-sanzjonijiet previsti fil-qasam tal-kompetizzjoni minħabba dan il-ksur?

---

([1]) Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-16 ta' Settembru 2013 — F. Faber vs Autobedrijf Hazet Ochten BV

**(Kawża C-497/13)**

(2013/C 367/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* F. Faber

*Konvenuta:* Autobedrijf Hazet Ochten BV

### Domandi preliminari

(1) Il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu, kemm minħabba l-prinċipju ta' effettività, kemm minħabba l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi li huwa intiż mid-Direttiva 1999/44 ([1]) fl-Unjoni, kif ukoll minħabba dispożizzjonijiet jew regoli oħra tad-dritt tal-Unjoni, li teżamina *ex officio* jekk, f'kuntratt, ix-xerrej huwiex konsumatur fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 1999/44?

(2) Jekk l-ewwel domanda teħtieġ risposta affermattiva, din tapplika wkoll jekk il-fajl tal-proċess ma jinkludix punti ta' fatt (jew jinkludi punti ta' fatt insuffiċjenti jew kontradittorji) li jippermettu li tiġi stabbilita l-kwalità tax-xerrej?

(3) Jekk l-ewwel domanda teħtieġ risposta affermattiva, din tapplika wkoll fi proċeduri ta' appell li fihom ix-xerrej ma jikkontestax id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ma għamlitx (*ex officio*) dan l-eżami fid-deċiżjoni tagħha u li ma eżaminatx espressament fiha iktar 'il quddiem jekk ix-xerrej jistax jiġi kklassifikat bħala konsumatur?

(4) (Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 5 ta') Id-Direttiva 1999/44 għandha tiġi kkunsidrata bħala regola ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li jaqgħu taħt l-ordni pubbliku fl-ordinament ġuridiku intern?

(5) Il-prinċipju ta' effettività, jew il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi li huwa intiż mid-Direttiva 1999/44 fl-Unjoni jew minn dispożizzjonijiet jew dispożizzjonijiet legali oħra tal-Unjoni, jipprekludi lid-dritt Olandiż fejn huwa jimponi fuq ix-xerrej konsumatur obbligu li jinvoka u oneru tal-prova li jirrigwarda l-obbligu li jinfoma (fi żmien xieraq) lill-bejjiegħ bid-difett preżuppost tal-oġġett ikkunsinnat?

(6) Il-prinċipju ta' effettività jew il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi li huwa intiż mid-Direttiva 1999/44 fl-Unjoni, jew minn dispożizzjonijiet jew dispożizzjonijiet legali oħra tal-Unjoni, jipprekludi lid-dritt Olandiż fejn huwa jimponi fuq ix-xerrej konsumatur li jinvoka jew li jipproduċi prova li dan l-oġġett ma huwiex konformi u li dan in-nuqqas ta' konformità mmanifesta ruħu fis-sitt xhur tal-kunsinna? Xi jfissru t-termini "kull nuqqas ta' konformità li titfaċċa" li jinsabu fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 1999/44 u, b'mod partikolari, sa fejn ix-xerrej-konsumatur għandu jinvoka fatti u ċirkustanzi li jikkonċernaw (ir-raġuni ta') in-nuqqas ta' konformità? Huwa biżżejjed li x-xerrej-konsumatur jallega u, f'każ ta' kontestazzjoni mmotivata, juri li l-oġġett mixtri ma jiffunzjonax (sew) jew għandu wkoll jallega u, f'każ ta' kontestazzjoni mmotivata, juri liema nuqqas tal-oġġett mibjugħ huwa r-raġuni (kien ir-raġuni) li tispjega li dan ma jiffunzjonax (sew)? Huwa biżżejjed li x-xerrej-konsumatur jallega u, f'każ ta' kontestazzjoni mmotivata, juri li l-oġġett mixtri ma jiffunzjonax (sew) jew għandu wkoll jallega u, f'każ ta' kontestazzjoni mmotivata, jipproduċi prova dwar liema nuqqas tal-oġġett mibjugħ huwa (kien) ir-raġuni li tispejga li dan ma jiffunzjonax (sew)?

(7) L-assistenza ta' avukat li għamlet użu minnu F. Faber fiż-żewġ istanzi ta' dawn il-proċeduri għandha effett fuq ir-risposta għad-domandi preċedenti?

([1]) Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fis-16 ta' Settembru 2013 — Marian Macikowski — Komornik Sądowy Rewiru I przy Sądzie Rejonowym w Chojnicach vs Dyrektorowi Izby Skarbowej w Gdańsku**

**(Kawża C-499/13)**

(2013/C 367/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Marian Macikowski — Komornik Sądowy Rewiru I przy Sądzie Rejonowym w Chojnicach

*Konvenut:* Dyrektor Izby Skarbowej w Gdańsku

**Domandi preliminari**

(1) Is-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari mill-Artikolu 9 tagħha u mill-Artikolu 193 tagħha moqri flimkien mal-Artikolu 199(1)(g), tipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 18 tal-Liġi tal-11 ta' Marzu 2004, dwar it-taxxa fuq oġġetti u servizzi [*Ustawa z dnia 11 marca 2004 r. o podatku od towarów i usług*] (Dziennik Ustaw 2011, Nru 177, intestatura 1054, kif emendata), iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT", li tipprovdi eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali applikabbli għal din it-taxxa fir-rigward ta' operaturi meħtieġa jikkalkolaw u jiġbru din it-taxxa, bil-ħatra ta' persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa, jiġifieri ta' operatur li għandu, minflok il-persuna taxxabbli, jikkalkola l-ammont tat-taxxa, jiġbor din it-taxxa mill-persuna taxxabbli u jħallasha fil-ħin lill-awtoritajiet fiskali?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

(a) Il-prinċipju ta' proporzjonalità, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 18 tal-Liġi dwar il-VAT, li minnu jirriżulta, b'mod partikolari, li t-taxxa fuq il-kunsinna, li titwettaq permezz tal-infurzar, ta' proprjetà immobbli li d-debitur huwa proprjetarju tagħha jew li hija fil-pussess tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt applikabbli, hija kkalkolata, miġbura u mħallsa mill-marixxall tal-qorti li jiżgura l-implementazzjoni tal-atti ta' eżekuzzjoni, u li jassumi, bħala persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa, ir-responsabbiltà għall-ksur ta' dan l-obbligu?

(b) L-Artikoli 206, 250 u 252 tad-Direttiva, kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità li jirriżulta minn din tal-aħħar, jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 18 tal-Liġi dwar il-VAT, li skont dan il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa indikata minn din id-dispożizzjoni għandha tikkalkola, tiġbor u tħallas l-ammont tal-VAT dovut għall-kunsinna, imwettqa permezz tal-infurzar, ta' oġġetti li d-debitur huwa proprjetarju tagħhom jew li huma fil-pussess tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt applikabbli, u tissodisfa dan l-obbligu matul il-perijodu taxxabbli applikabbli għall-persuna taxxabbli, għal somma li tikkostitwixxi d-differenza bejn id-dħul li jirriżulta mill-bejgħ tal-oġġett, li minnu jitnaqqas il-VAT, u r-rata applikabbli għal din it-taxxa, mingħajr ma jitnaqqas minn din is-somma l-ammont tat-taxxa tal-input imħallsa matul il-perijodu li jibda jiddekorri mill-bidu tal-perijodu taxxabbli sad-data tal-ġbir tat-taxxa mill-persuna taxxabbli?

([1]) ĠU L 347, p. 1.